KLR 32/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2008 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-Viċi Sindku Victor Galea Pace, il-Kunsilliera Joe Debrincat, Marcel Tabone u Michel Buttiġieġ.

SKUŻATI:- Il-Kunsilliera Josef Schemrbi u Josephine Cassar.

Wara li ntqalet it-talbet ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li għall-aħħar ta' din il-ġimgħa l-Kunsill għandu jkollu risposta fir-rigward tal-proġett taċ-Ċentru Storiku tar-Rabat.

1.2 Il-membri ġew infurmati li l-kuntratturi tad-Duke għadhom ma bdewx ix-xogħol ta' tarmac fit-triq ta' maġenb il-*playing field* peress li għad iridu jdaħħlu xi nġenji biex ikomplu t-travi fuq wara tal-bini.

1.3 Ir-*road hump* ta' Triq Pawlu Portelli mhux ser issir peress li l-maġġoranza tar-residenti ma qablux li ssir.

1.4 Il-membri qablu li tinbidel ir-*road hump* ta' Triq Vajrinġa li hemm kantuniera ma Pjazzetta fuq it-Tomba. Din għandha ssir aktar wiesgħa u tal-*cast iron* biex tkun aktar effettiva.

1.5 Rigward Triq Mons. Luiġi Vella l-membri qablu li fejn hu possibli jsiru l-bankini u r-*road humps* isiru fil-ġnub u jitħalla wisa' fin-nofs sabiex l-ilma tax-xita jkollu aktar minn fejn jagħddi.

1.6 Għandha issir rampa quddiem 'Qalb ta' Ġesu' fi Triq Santa Dminka. L-istima tal-Perit hi ta' €212.

## 2. Mozzjonijiet f'isem il-membri

Mozzjioni numru 106 ġiet imressqa mis-Sindku.

**Nipproponi li l-Kunsill Lokali jiksi l-ewwel parti ta' Triq Santa Martha bil-konkos. L-istima għat-taħmil tat-terrapien ħażin, mili biż-żrar, konkos, xoghol u VAT hi ta' €1,153.04. Qed nipproponi li jsir dan ix-xogħol peress li r-residenti qed jaffaċċjaw inkonvenjenza kbira minħabba li t-triq għad ma fihiex asfalt. Jekk il-Kunsill jagħmel dan ix-xogħol ikun solva il-problema temporanja sakemm il-Gvern Ċentrali jiksiha bit-tarmac wara li jitlesta l-bini li bħalissa qed jinbena.**

Din il-mozzjoni ġiet irtiratha peress li ix-xogħol sar mill-Gvern Ċentrali.

**Mozzjonijiet numri 107 sa 110 ġew imressqa mill-Kunsillier Debrincat.**

Mozzjoni numru 107, isskondata mis-Sindku.

**Permezz ta' din il-mozzjoni nitlob it-tkomplija ta' bankini fuq iż-żewġ naħħat ta' Triq il-Kastell. Fil-Kunsill preċedenti kienu bdew isiru l-bankini fl-imsemmija triq u kienu saru ż-żewġ naħħat sa nofsha min naħħa ta' fuq pero' ma kienitx tkompliet it-triq kollha bil-bankini, għaldaqstant nitlob li dawn jitkomplew bl-istess format ta' qabel.**

Il-membri qablu li tintalab l-istima tal-perit skond ir-rati tal-kuntratt sabiex jitkompla dan ix-xogħol.

Mozzjoni numru 108, issekondata mis-Sindku.

**Xi snin ilu għamilt mozzjoni biex quddiem id-djar tal-Gvern fi Triq it-Tabib Anton Tabone jsiru il-bankini. Din il-mozzjoni kienet għaddiet mill-Kunsill ta' dak iż-żmien pero' peress li din it-triq taqa' taħt il-Gvern Ċentrali din it-talba kienet għaddiet lil-Ministeru ta' Għawdex. Wara diversi *reminders* lill-Ministeru dawn il-bankini xorta baqgħu ma sarux. Għaldaqstant nitlob lill-Kunsill jikkonsidra li dawn il-bankini isiru a spejjes tiegħu.**

Il-membri qablu li tintalab l-istima mingħand il-Perit u jintalab il-permess ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT).

Mozzjoni numru 109, issekondata mill-Kunsilliera Buttiġieġ.

**Isiru bankini fuq iż-żewġ naħħat ta' Triq Sette Gugnio speċjalment fejn hemm id-djar tal-Gvern peress li qed isir parkeġġ ta' vetturi quddiem id-daħliet ta' l-imsemmija djar bil-konsegwenza li r-residenti qed isibu diffikulta biex jidħlu fi djarhom.**

Il-membri qablu li l-Perit għandu jkejjel jekk joħorġux dawn il-bankini.

Mozzjoni numru 110, issekondata mill-Kunsilliera Buttiġeiġ.

**Ġejt mitlub mill-familja Portelli ta' 67, Triq Ta' Wara s-Sur biex quddiem ir-residenza tagħhom jinżebħu żewġ linji tan-*No Parking*. Qed jintalab dan għall-fatt li fil-familja Portelli hemm persuna b'diżabilita u kull darba li tiġi l-vann tal-iskola biex tieħu lil din il-persuna mhux qed ikun hemm parkeġġ fejn tipparkja bil-konsegwenza li l-vann tipparkja f'nofs ta' triq. Din il-familja għamlet kemm il-darba rapporti l-għassa tal-pulizija pero l-ilmenti dejjem waqgħu fuq widnejn torox. Għaldaqstant qed nitlob lill-Kunsill biex jinstab rimedju permezz ta' din il-mozzjoni.**

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex jew issir *keep clear* jew *double yellow line.*

Mozzjoni numru 111, ġiet imressqa mill-Kunsillier Buttiġieġ u ssekondata mis-Sindku

Mozzjoni 111

**Nipproponi li jsir *patching* fil-parti ta' l-aħħar fi Triq Għar Gerduf. Din il-parti hi mħarbta u għandha bżonn titranġa.**

Għandha tintalab l-istima tal-Perit skond ir-rati tal-kuntratt tat-tarmac.

## 3. Rendikont ta' l-attivitajiet tal-Milied u l-Aħħar tas-Sena

Ġie mressaq ir-rendkont ta' dawn l-attivijiet . Ara dokument A amness. Il-membri qablu li l-ħlasijiet għat-tiżjintat-toroq ta' żmien il-Milied ikun kif ġej:- Pjazza Sant. Wistin u Triq Dawwara - €291, Pjazza San Franġisk, Triq Vajrinġa u Triq Palma - €407, Pjazza Katidral, Pjazza Savina u Triq Sir M'Anġelo Refalo - €815 u Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġużepp u Triq is-Suq - €815.

## 4. *Performance Bonus*

Is-Seg Eżekuttiv ħarġet mill-kamra sakemm il-membri iddiskutew din il-materja. Sar qbil li dan il-*bonus* jingħata liż-żewġ ħaddiem *full time* tal-Kunsill. F'isem il-membri, is-Sindku spjega lis-Seg. Eżekuttiv kif ittieħdet din id-deċiżjoni. Ġew meqjusa l-punti li semmew is-sena li għaddiet (jinsabu f'KLR 18). In ġenerali kien hemm titjib fir-rigward tax-xogħol tal-ħaddiema. Inġibdet l-attenzjoni (i) sabiex tibda tingħata kopja tal-minuti ikkoreġuti lill-membri wara kull laqgħa, (ii) jiġi imtejjeb l-*approach* mal-klijeinti li jinqdew mill-Kunsill, (iii) jittieħdu aktar inizjattivi fix-xogħol tal-Kunsill, (iv) tingħata aktar attenzjoni għall-penedenzi, (v) tingaħta kopja lill-membri tal-*financial indicator* li jsir kull teltt xhur, u (vi) tingħata kopja lill-membri tas-*schedule of payments.* L-*Assitant Princiapal* ser tiġi msejjħa wkoll waqt il-laqgħa li jmiss.

## 5. Ġemmellaġġ – Nichelino

Is-Sinkdu ssuġġerixxa li tiġi organiżżata mawra għar-residenti Rabtin bejn it- 23 u t-30 ta' Ġunju 2008. Dan peress li f'dawn il-ġranet ser ikun hawn grupp minn Nichelino u ser ikollhom ajruplan *charter*. Waqt id-diskussjoni il-membri qablu li din il-mawra ssir fix-xahar ta' Settembu meta tkun għadha ma fetħitx l-iskola.

**6. Korrispondenza**

Ġiet imressqa din il-korrispondenza mingħand:-

6.1 Tania Portelli u Mary Rita Żammit li għamlu ftehim quddiem in-Nutar Paul George Pisani sabiex jibdlu l-kaxxi tal-monti numri 6 u 4 rispettivament;

6.2 skola Primarja Sir Arturo Mercieca, il-membri qablu li l-Kunsill jivvota €116.47 għal Jum il-Premjazzjoni 2008;

6.3 il-Perit rigward stima tat-tarmac għal Triq Wied is-Seqer. Din tammonata għal €52,080. Mit-total diġa' ġie mnaqqas il-*one time discount* offruta minn Gatt Tarmac. Din l-istess kumpanija ser tiġi mgħarrfa bil-miktub li dan l-iskont ser jiġi applikat għal din it-triq;

6.4 l-Engineer ta' l-Enemalta fejn infurmat lill-Kunsill li l-Enemalta m'aċċettatx li tipprovdi d-dawl għall-*floodlights* li jilluminaw iż-żewġ każini tal-Baned Rabtin;

6.5 GaleaCumri Eng. Ltd. li huma l-*Contract Managers* tad-dawl. Ittieħdu dawn id-de1iżjonijet rigward:- (i) PR 18/08, bozza ġdida fi Triq Santa Martha, il-Kunsill ser jitlob il-permess mingħadn Anthony Vella ta' 'Santa Marija, Triq Santa Martha sabiex din il-bozza teħel mal-propjeta' tiegħu, (ii) PR 17/08, bozza ġdida ma Blokk Ċ f'taċ-Ċawla H. E. Il-membri qablu li ssir fil-post indikat., (iii) PR 16/08, spostament tal-bozza. Il-membri qablu li din il-bozza tersaq fuq il-bieb prinċipali ta' Blokk B. (iv) PR12/08, bozza ġdida fi Triq in-Neolitiċi. George Spiteri li hu sid il-propjeta' ma fejn ser titpoġġa din il-bozza aċċetta. (v) PR 19/08, bozza ġdida fi Triq l-Universitas. Ma ġiex aċċettat minn naħħa ta' l-Enemalta li din il-bozza titpoġġa fuq arblu eżistenti. Is-suġġeriment ta' l-Enemalta hu li titpoġġa fuq il-bini eżistenti. (vi) PR 10/07, bozza ġdida fi Triq Ġuże' Micallef. George Buġeja m'aċċettax li l-*cable* u d-*demrcation box* jeħlu mal-faċċata tiegħu. Il-Kunsill ser jitlob lill-Anthony Azzopardi jekk jaċċettax li dawn jeħħlu mal-faċċata tiegħu. u (vii) sar qbil li jintalab li ssir bozza ġdida ma Falcon Valley Court fi Triq ġdida fi Triq Wied Seqer;

6.6 il-Mepa rigward PA 07471/07 fejn qed jintalab permess għall-*proposed tented structure* quddiem Chip'n Dale fi Triq Enriko Mizzi;

6.7 l-Arċipriet tal-Paroċċa tal-Katidral fejn talab li fit-Telgħa tal-Belt, mis-Sorijiet Karmelitani 'l fuq, jitneħħa l-parkeġġ il-Ħadd filgħodu. Dan peress li qed tinħoloq konġestjoni minħabba l-fatt li jkun hemm in-nies neżlin mill-quddies tal-Ħadd. Il-membri qabli li l-Kunsill jitlob aktar dettalji u ssir laqgħa ma' l-Arċipriet tal-Katidral dwar dan.

6.8 L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward is-separazzjoni ta' l-iskart domestiku. Il-membri ġew mgħarrfa li ntlaħaq ftehim mal-korpi kostitwiti u ser isiru laqgħat għall-ħaddiema tal-Kunsilli Loakli fuq il-materja. Il-Kunsilli Lokali huma mitluba jqassmu l-boroż provduti lil kull familja.

## 7. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

7.1 jintgħażel id-dawl dekorattiv tat-tip Metropolis għall-Pjazza J F Kennedy mingħand il-Kumpanijia E. Calleja & Sons Ltd;

7.2 jinħareġ permess ta' żewġ *vending machines* tas-*soft drinks* għal fuq il-parapett ta' Saviour Borġ ta' 8, Triq Sir Adrian Dingli;

7.3 tiġi organiżżata l-*pageant* 'L-Imsallab fi Triqatna' u ma tinqabiżx is-somma ta' €116.47;

7.4 jiġu approvati l-kontijiet iċċertifikati mill-Perit rigward il-bankini li saru quddiem l-iskoal Primarja Sir Arturo Mercieca, fi Triq Ġuże' Micallef, fi Triq Sette Gugnio, Triq Ġuże' Cremona, Triq ġdia fi Triq Għajn Qatet, Pjazza l-Assedju t'Għawdex u Triq Patri Ġiaċintu Camenżuli. It-total hu ta' €25,378;

7.5 jsiru l-bankini neċessarji bil-bricks fit-toroq Michele Busuttil (€17,470) u fi Triq Forn il-Ġir (€14,700). Dawn il-prezzijiet skond l-istima imressqa mill-Perit. Il-Perit ta l-parir li l-bankini li fadal isiru fi Triq Sir Luiġi Camilleri jridu jsiru mtarġin minħabba li din il-parti hi wieqfa ferm.

7.6 jsir id-dawl għall-Pjazza Indipendneza. L-orħos stima hi ta' €586;

7.7 jiġi organiżżat il-festiavl ta' kant korali bl-isem 'Gaulitana'. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €232.94;

7.8 l-KIP tiġi mmultata peress li fil-25 ta' Frar 2008 l-iskart domestiku ma nġabarx minn Triq il-Mitħna u t-toroq tal-madwar, minn Triq il-Muniċipju Ruman ma nġabarx bejn it-22 u l-25 ta' Frar 2008 u minn Triq l-Ewropa lanqas inġabar fil-15 ta' Frar 2008;

7.9 tinxtara *trophy* li ma tammontax għal aktar minn €69.88. Dan ser jintuża fil-kopetizzjoni għat-tberik ta' l-annimali li ssir fl-Oratorju Don Bosco.

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet:-

7.10 il-ftehim li sar mal-Victoria Hotspurs F. C. li jitratta l-kisi bit-turf sintetiku minn naħħa tal-klabb, fil-grawnd tal-H. E. f'taċ-Ċawla;

7.11 l-ftehim li sar bejn Il-Ministeru għal Għawdex, diversi Kunsill Għawdxin u l-M.A.S., rigward tad-*Day Care Centre* ta' l-Anzjani;

7.12 l-applikazzjoni li saret mal-Mepa (PA00321/08) sabiex isir Monument f'ġieħ Mons. Luiġi Vella fi Pjazza Savina;

7.13 l-pjanta tat-*traffic management* mħejjija mill-Perit għal *area* ta' Triq Wied il-Lunzjata u t-Telgħa ta' Majru. Il-membri qablu li dan ix-xogħol ma jsirx qabel l-*area* tkun miksija b'tarmac ġdid;

7.14 il-lista tal-persuni li ddikjaraw liema huma l-posti/kaxxi tagħhom li jokkupaw fuq il-monti. Ma dawn hemm ukoll l-lista tas-sostituti. Il-membri qablu li dawn jintbgħatu lill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ sabiex jiġi verifikat min minnhom hu reġistrat ma' l-ETC.

Is-Sindku ressaq:-

7.15 l-istima ta' l-Engineer Kevin Alamango, sabiex il-funtana proposta għal Pjazza San Ġorġ issir b'mod li tkun tista' titla u tinżel taħt l-art. L-ammont intelgħa għal €39.300. Il-membri qabblu li din l-istima hi għolja wisq;

7.16 l-*outline development plan* tal-*playing field* ta' Triq Putirjal u l-pjanta tal-proġett propost għall-klabb ta' l-S. K. Victoria Wanderers. Is-Sindku suġġerixxa li fl-*area* isiru l-latrini pubbliċi minflok dawk li hemm mat-Tiġrija Palazz, biex dawn ta' l-aħħar jiġu konvertiti f'*one stop shop* fejn il-pubbliku jinqeda mis-servizzi tal-Kunsill Lokali. Din il-porposta għandha tiġi diskussa aktar fid-dettall. Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-l-Minsitru Dolores Christina hi nteressatha li tiffinanzja *Child Care Centre* f'din l-*area*;

7.17 stima ta' bankina proposta għal quddiem Azzopardi Fisheries li tammonta għal €2,200. Din ser isir aktar il-quddiem.

7.18 Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet il-preżenti li kien hemm ilmenti mir-residenti ta' Triq Għajn Qatet rigward ir-*road humps* li ġew proposti li jsiru fil-bidu ta' din it-triq. Il-Kunsill kien ġab il-permess ta' l-ADT sabiex isiru r-*road humps* u billi Triq Għajn Qatet hi arterja kien intalab lill-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru minn naħħa tiegħu.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 10 ta' April 2008 fid-9.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |